MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1144/1997/1

**Joseph Abela u martu Mary Abela**

**v.**

**Generoso sive Jimmy Sammut
u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni, kif korrett, ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi ghal zmien twil huma hadu hsieb, raqqdu ghandhom u rrendew servigi lil Concetta Sammut armla ta’ Giuzeppi Sammut li ma kellhiex ulied, u li tigi z-zija ta’ l-attrici Mary Abela; illi fis-16 ta’ Jannar 1997 mietet l-imsemmija Concetta Sammut; illi l-atturi hadu hsieb u hallsu l-funerali tal-mejta Concetta Sammut; illi rrizulta li hija kienet ghamlet testment pubbliku datat 3 ta’ Ottubru 1995 quddiem in-nutar Dottor Carmelo Lia, li bih hija istitwit bhala werrieta universali lill-atturi Joseph u Mary konjugi Abela; illi rrizulta wkoll li fis-Sekond Awla gie pprezentat testment sigriet allegatament ta’ l-istess Concetta Sammut, datat 30 ta’ Novembru 1996, liema testment irrevoka kull testment maghmul qabel mill-imsemmija Concetta Sammut u nnomina bhala werriet universali lill-konvenut; illi fl-ahhar zmien ta’ hajjitha l-imsemmija Concetta Abela mhux biss ma kenitx tkellem lill-konvenut, talli a dirittura kienet tibza minnu; illi minkejja li gie allegat li kienet proprju hi stess li ghamlet it-testment sigriet ghand in-nutar Dottor Antoine Agius, jezistu provi cari li fil-gurnata li allegatament sar it-testment sigriet hija l-anqas biss harget barra; illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku hija verament sabet mezz taghmel dan it-testment, hija ma kenitx f’kundizzjoni fizika u mentali li taghmel testment; illi bla pregudizzju ghal dak kollu suespost, anke kieku dan it-testment sigriet kien wiehed genwin, kif ser jigi trattat ahjar tul din il-kawza ghandu jigi ppruvat li dan it-testment ma setax sar hlief bi frodi, qerq, ingann, u/jew theddid; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara li t-testment sigriet redatt fit-30 ta’ Novembru 1996 ghand in-nutar Dottor Antoine Agius huwa falz, fazullu, (*sic!*), mhux awtentiku, u/jew sar minn persuna mhux kapaci taghmel testment, u/jew sar bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u minacci, u li fi kwalunkwe kaz dak li hemm miktub f’dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda hielsa ta’ Concetta Sammut; 2. tiddikjara dan it-testment sigriet datat 30 ta’ Novembru 1996 bhala null u bla ebda effett fil-ligi; 3. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagixxi skond dawk il-provvedimenti kollha li dik il-Qorti jidhrilha xierqa u necessarji li taghti lilu fic-cirkostanzi sabiex l-atti tar-

Registru Pubbliku jkunu jirrispekkjaw il-verità tal-fatti kif stabbiliti fil-kawza odjerna; 4. tillikwida l-eredità kollha ta' l-imsemmija Concetta Sammut, jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta' periti nominati minn dik il-Qorti; 5. tordna lill-konvenut (*sic*) biex fi zmien qasir u perentorju jirrimetti fil-pussess ta' l-atturi dik il-proprjetà kollha, mobbli u immobbli, formanti l-eredità ta' Concetta Sammut, kif likwidata, u partikolarment dik il-proprjetà kawtelata bil-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' din il-kawza; 6. bla pregudizzju ghat-talbiet suesposti, f'kaz li dik il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet hawn fuq citati, tordna lill-konvenut (*sic*) ihallas lill-atturi l-ispejjez tal-funeral ta' Concetta Sammut, u dawk is-servigi hekk kif likwidati minn dik il-Qorti bhala dovuti lill-atturi bhala hlas ta' kemm zammew u hadu hsieb ta' Concetta Sammut; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenut (*sic*) ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, ipprezentata fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' April, 1998 (fol. 8), illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi;
2. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent m'ghandux ibati spejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Generoso Sammut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi t-testment impunjat huwa validu, effikaci u skond il-ligi;
2. Illi in vista illi mill-allegazzjonijiet ta' l-atturi, l-eccipjent ma setax jiddetermina bi precizjoni il-fattwalità

ta' l-allegazzjonijiet taghhom, l-esponent jirriserva minn issa li jitlob lill-Qorti li jipproduci xhieda ohrajn mhux dikjarati li l-esponent ma kienx f'posizzjoni li jkun jaf bihom f'dan l-istadju;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Generoso Sammut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri (minhabba korrezzjoni li saret fic-citazzjoni) tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, ipprezentata fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru, 1999 (fol. 20), illi permezz taghha eccepixxa:
1. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna;
2. Illi l-funzjoni tieghu hija limitata ghal insinwazzjoni (*sic*) ta' testmenti pubblici u ta' apertura u pubblikazzjoni ta' testmenti sigrieti u ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-provvedimenti kollha moghtija minn dik il-Qorti;
3. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li a bazi taghhom saret il-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-konvenut huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' din l-istess kawza;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza ta' l-erbatax (14) ta' Dicembru, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"1. tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet billi tghid illi d-dokument ippublikat min-Nutar Antoine Agius fl-14 ta' Mejju 1997 bhala t-testment sigriet ta' Concetta Sammut ma hux genwin, u ma jiswiex bhala testment;

2. tilqa' it-tielet talba billi tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, hekk kif din is-sentenza ssir finali, jaghmel annotazzjoni fin-nota ta' insinwa numru 6656 ta' l-1997, relativa ghall-publikazzjoni ta' testment sigriet fl-14

ta’ Mejju 1997, biex jghid illi dak it-testment, bis-sahha ta’ din is-sentenza, gie mhassar u ma jiswiex;

3. tipprovdi dwar ir-raba’ talba billi tghid illi l-beni tal-wirt ta’ Concetta Sammut huma dawk il-beni msemmija minn Joseph Abela fl-*affidavit* mahluf fit-13 t’Ottubru 1999, *fol.* 30, u dawk il-beni msemmija fil-verbal ta’ l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ deskrizzjoni numru 246/1997 fl-ismijiet *Generoso Sammut versus Joseph Abela nomine* mahrug fis-17 ta’ Jannar 1997;

4. tilqa’ l-hames talba billi tikkundanna lill-konvenut Generoso Sammut irodd lill-atturi l-beni kollha tal-wirt ta’ Concetta Sammut li jinsabu f’idejh;

5. ma tqisx is-sitt talba billi ma hu mehtieg ebda provvediment dwarha; u

6. tikkundanna lill-konvenut Generoso Sammut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza, ukoll dawk tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Il-fatti li wasslu ghal dan il-kaz graw hekk:

“Concetta Sammut kienet iz-zija ta’ l-attrici, oht ommha. Kienet mara avvanzata fl-età u, fl-ahhar xhur ta’ hajjitha, ghalkemm zammet id-dar taghha u kienet tmur hemm fil-ghodijiet, kienet torqod ghand l-atturi li kienu jduru biha u jiehdu hsiebha. Biex tpattilhom, fit-3 ta’Ottubru 1995 kienet ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia u hatrithom werrieta taghha ‘b’kumpens ta’ dak kollu li ghamlu u ghad jaghmlu maghha’. Halliet ukoll xi legati favur istituzzjonijiet karitevoli mmexxija mill-Knisja ta’ Malta. B’dan gharrfet ukoll lil Monsinjur Victor Grech xi xahar qabel mietet fis-16 ta’ Jannar 1997.

“L-atturi xehdu illi l-konvenut, li huwa hu l-attrici u neputi ta’ Concetta Sammut, kien ighidilhom li l-gid kollu ta’ Concetta kien sejjer jinfilef ghall-familja ghax kien ighid illi kienet sejra thalli l-gid taghha kollu lill-Knisja. Ghalhekk

kien issuggerixxa li jiffalzifikaw testment biex gidha jehduh huma. L-attrici qalet hekk fl-*affidavit* taghha mahluf fit-13 ta'Ottubru 1999:

'Irrid nghid illi l-konvenut Jimmy Sammut, sa minn meta ziti giet toqghod maghna, kien jistaqsini jekk iz-zija ghandhiex testment. Kien minghalih ixewwixni kontra taghha billi jghidli li z-zija ser thalli kollox lill-fqar u lilna ma kienet ser thallilna xejn … … …

Il-konvenut … … … kien beda jitlobni l-*I.D. Card* taz-zija u l-ewwel darba li staqsejtu ghalfejn kien qalli li ried jaghmel testment f'isimha. Kien ighidli li b'avukat tajjeb u b'nutar habib tieghu hu kien kapaci jaghti daqqa ta' firma u johdilha gidha kollu.'

"Fit-30 ta' Novembru 1996 il-konvenut kien ha fl-ufficcju tan-Nutar Antoine Agius persuna illi n-nutar identifikaha mill-karta t'identità taghha bhala Concetta Sammut. Din il-persuna ghamlet testment sigriet b'zewg artikoli: fl-ewwel artikolu hassret kull testment li ghamlet qabel, u fit-tieni artikolu hatret lill-konvenut bhala werriet wahdieni taghha; ma hemm ebda dispozizzjoni ohra. It-testment kien konsenjat lin-Nutar Antoine Agius sabiex dan jipprezentah lis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kif trid il-ligi. Il-konvenut xehed li, ghalkemm kien hu li wassal lil Concetta Sammut ghand in-Nutar, ma kienx jaf li kienet ghamlet testment.

"Wara li mietet Concetta Sammut fis-16 ta' Jannar 1997, it-testment kien pubblikat min-Nutar Agius fl-14 ta' Mejju 1997. L-ghada li mietet Concetta, fis-17 ta' Jannar 1997, il-konvenut Sammut ghamel rikors ghall-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni kontra l-wirt tal-mejta biex ihares il-pretensjoni tieghu talli kien 'ippresta servigi' lill-mejta.

"Billi l-atturi kellhom suspett li l-konvenut kien ghamel dak li kien qal li kellu hsieb li jaghmel, *i.e.* jaghmel testment falz, huma ghamlu rapport lill-pulizija u saret inkjesta mill-Magistrat. Il-konkluzjoni ta' l-inkjesta kienet li l-firma ta' Concetta Sammut li tidher fuq it-testment sigriet ma kinitx genwina.

"Il-konvenut Sammut qieghed jichad illi dak illi jidher li hu testment sigriet ta' Concetta Sammut sar b'xi mod bi ksur tal-ligi. Madankollu, fix-xiehda tal-konvenut Sammut hemm diskrepanzi serji illi, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom iwasslu biex ma jitwemminx f'dak li qal.

"Fl-*affidavit* mahluf minnu fid-9 ta' Frar 2001, il-konvenut xehed hekk:

'Hi [Concetta Sammut] dahlet wehedha ghand in-nutar, u jiena u n-neputi Charlot Attard qaghadna nistennewha fil-karozza tieghi. Iz-zija damet madwar siegha ghand in-nutar u wara wassalnieha d-dar. Hi ma qalitx x'ghamlet u ahna ma staqsejnihiex. Biss hi qaltilna sabiex ma nitkellmu ma' hadd li morna ghand in-nutar.

Tant jiena ma kontx naf x'ghamlet illi meta hi mietet ma mortx darha sabiex niehu l-affarijiet peress [illi] ma kontx naf li hallietni eredi taghha.'

"Meta xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2001 kompla jghid illi kien xi tliet xhur wara li mietet Concetta Sammut li sar jaf li kienet ghamlet testment sigriet. Fil-fatt Concetta Agius [*recte*: Sammut] kienet mietet fis-16 ta' Jannar 1997, u t-testment sigriet kien ippublikat fl-14 ta' Mejju 1997. Mela jekk tassew ma kienx jaf li Concetta Sammut kienet marret ghand in-Nutar Agius biex taghmel testment sigriet, u sar jaf b'dan it-testment, kif xehed hu stess, xi tliet xhur wara li mietet, kien biss fl-14 ta' Mejju 1997, meta t-testment kien pubblikat, li seta' jsir jaf li hu kien inhatar werriet.

"Madankollu, fis-17 ta' Jannar 1997, l-ghada li mietet Concetta Sammut, il-konvenut Generoso Sammut ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni kontra l-wirt taghha; ir-raguni, imwettqa bil-gurament tieghu, ghala talab il-hrug tal-mandat kienet illi huwa kien 'ippresta servigi lill-intimata'.

"Bil-mandat ta' deskrizzjoni setghu jkunu maghrufa l-beni tal-wirt, u dan kien ikun fl-interess tal-konvenut bhala

werriet. Il-hrug tal-mandat, izda, ma talbux fil-kwalità ta' werriet; ir-raguni kienet jew ghax, kif ighid hu, ma kienx jaf li hu werriet, jew inkella ghax ma riedx jinkixef li kien jaf bit-testment sigriet. Sabiex kiseb il-hrug tal-mandat il-konvenut, kif rajna, halef illi kien 'ippresta servigi lill-intimata'; meta izda fid-9 ta' Novembru 2001 il-Qorti staqsietu jekk qatt kienx ghamel xi zmien idur b'Concetta Sammut, il-konvenut wiegeb li le. Il-konvenut nesa x'kien halef biex kiseb il-hrug tal-mandat, u b'hekk iz-zejt tela' f'wicc l-ilma; meta cahad li kien idur b'Concetta Sammut, il-konvenut kixef il-fatt illi l-kawzali tas-servigi kienet biss pretest biex jikseb il-hrug tal-mandat u hekk jikseb il-harsien tal-beni tal-wirt bla ma jikxef li kien jaf bit-testment sigriet.

"Din id-diskrepanza gravi fix-xiehda u fl-ghemil tal-konvenut Generoso Sammut, fil-fehma tal-Qorti, ittelliflu l-kredibbiltà kollha, u l-Qorti ghalhekk ma ssibhiex bi tqila li temmen dak li allegaw l-atturi, *i.e.* illi l-konvenut kien ried jaghmilhom komplici mieghu fil-falzifikazzjoni tat-testment u, meta ra li ma ridux ikomplu mieghu, kompla wahdu u fittex li jiehu l-beneficcju kollu hu.

"Dan kollu juri ghala kien instab fl-inkjesta tal-Magistrat illi l-firma ta' Concetta Sammut fuq it-testment ma kinitx genwina.

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet ta' l-atturi fejn dawn talbu illi l-Qorti tghid illi t-testment sigriet ma hux awtentiku u illi ghalhekk ma jiswiex.

"Ghall-ghanijiet tar-raba' talba, dwar il-likwidazzjoni tal-beni tal-wirt, il-Qorti sejra toqghod fuq dak li xehed l-attur Joseph Abela fl-*affidavit* mahluf fit-13 t'Ottubru 1999, u fuq il-verbal ta' l-esekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni, mahrug fuq talba tal-konvenut Sammut."

Rat ir-rikors ta' appell tal-konvenut Generoso Sammut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab lil dina l-Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru, 2001 u

sabiex tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra "… l-istess atrici" (*sic*);

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha issottometta hekk:
"1. Illi l-p[r]ezenza tieghu fl-appell odjern hija mehtiega biss ghall-finijiet ta' integrità tal-gudizzju u ghalhekk l-esponent jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet appellanti.

2. Illi ghar-ragunijiet suesposti huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez."

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-konvenut appellant kontra s-sentenza appellata huwa, fi kliem ir-rikors ta' appell:
1. "Illi l-ewwel Onorabbli Qorti bbazat il-konkluzzjoni fuq dak li dehrilha kien nuqqas ta' kredibilità tal-konvenut esponenti, izda it-testment ma sarx mill-esponenti u mhux l-operat tieghu kien in ezami."

2. "… [il-]Qorti … ma kellhiex quddiema prova oggettiva dwar il-falsità" [tat-testment sigriet in kwistjoni];

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ghandha suspett illi l-appellant jew ma qarax tajjeb is-sentenza appellata jew qara biss bicciet minnha. Dan qed jinghad ghaliex meta dina l-Qorti qrat u ezaminat is-sentenza appellata <u>kollha</u> irrizultalha illi:

(i) qabel ma l-ewwel Qorti ttrattat il-kwistjoni tal-kredibilità tal-konvenut appellant Generoso Sammut, ikkonstatat hekk (pagina 4 tas-sentenza):
"Billi l-atturi kellhom suspett li l-konvenut [Generoso Sammut] kien ghamel dak li kien qal li kellu hsieb li jaghmel, *i.e.* jaghmel testment falz, huma ghamlu rapport lill-pulizija u saret inkjesta mill-Magistrat. Il-konkluzjoni ta' l-inkjesta kienet li l-firma ta' Concetta Sammut li tidher fuq it-testment sigriet ma kinitx genwina" (sottolinear ta' dina l-Qorti";

(ii) wara illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-konvenut Generoso Sammut mhux kredibbli - konkluzjoni illi dina l-Qorti tikkondividi pjenament - ikkonsidrat hekk (pagina 6 tas-sentenza):
"… l-Qorti ghalhekk [*i.e.* ghaliex il-konvenut Generoso Sammut mhux kredibbli] ma ssibhiex bi tqila li temmen dak li allegaw l-atturi, *i.e.* illi l-konvenut kien ried jaghmilhom komplici mieghu fil-falzifikazzjoni tat-testment u, meta ra li ma ridux ikomplu mieghu, kompla wahdu u fittex li jiehu l-beneficcju kollu hu.
Dan kollu juri ghala kien instab fl-inklesta tal-Magistrat illi l-firma ta' Concetta Sammut fuq it-testment ma kinitx genwina" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Minn dak illi inghad sa issa, huwa evidenti illi l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant mhux fondat ghaliex, ghalkemm huwa minnu illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-istess appellant mhux kredibbli, huwa minnu wkoll illi hija waslet ghall-konkluzjoni - kondiviza ukoll minn din il-Qorti - illi l-firma tal-persuna illi allegatament ghamlet it-testment sigriet in kwistjoni ma kienitx genwina;

Ikkunsidrat:

Illi, minn dak illi inghad sa issa, huwa evidenti wkoll illi anqas it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat. Infatti, din il-Qorti, waqt illi kienet qed tikkonsidra l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant, iccitat dik il-parti mis-sentenza appellata illi fiha inghad illi l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghall-prova illi minnha jirrizulta illi "… l-firma ta' Concetta Sammut li tidher fuq it-testment sigriet ma kinitx genwina";

Illi, a skans ta' ekwivoci, tajjeb illi jinghad illi l-prova illi ghadha kemm issemmiet fil-paragrafu ta' qabel dan, dik illi tirrizulta mill-inkjesta magisterjali, hija proceduralment ammissibbli <u>bhala prova</u> fil-kawza odjerna; dana *in virtù* ta' dak illi hemm provdut fl-Artikolu 627(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tajjeb illi, f'dan l-istadju, tigi riprodotta s-segwenti silta mill-paragrafu enumerat sebgha (7) tar-rikors ta' appell illi tirrigwarda l-aggravju in ezami:
"Veru hemm esebita kopja ta' l-inkjesta magisterjali, izda, kif inhu maghruf, inkjesta mhix prova ta' htija, u hija process ta' investigazzjoni mhux ta' procedura kriminali kontra akkuzat. L-esponenti, f'dawn il-proceduri, ma kellu ebda opportunità jikontrolla x-xhieda u l-provi mressqa, lanqas l-operat ta' l-espert tekniku imqabbad mill-Magistrat Inkwirenti, u r-rizultat ta' l-inkjesta la jorbot lill-Avukat Generali tar-Repubblika, u wisq anqas lill-Qorti. Kwindi, prova oggettiva li l-Qrati civili setghu jikkonsidraw ma hemmx.";

Dwar din is-silta, dina l-Qorti taghmel biss is-segwenti osservazzjonijiet:
(i) hija konvinta illi kieku l-appellant, fil-pendenza tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, talab lil dik il-Qorti sabiex jipproducu bhala xhieda - bil-hsieb illi "jikontrolla" - lil dawk illi xehdu fl-inkjesta magisterjali, senjatament lill-espert kalligrafu, it-talba tieghu kienet tintlaqa'. Ma jirrizultax illi l-appellant ghamel talba simili. Ma tridx wisq gherf u perspikacja sabiex tikkonkludi ghaliex l-appellant ma riedx illi l-lenti tigi fokata wisq fuq din l-inkjesta;
(ii) ghalkemm huwa veru illi "r-rizultat ta' l-inkjesta" ma kienx jorbot lill-ewwel Qorti, dan ma jfissirx illi fl-atti processwali ma hemmx prova dwar il-falsità *o meno* tat-testment sigriet illi dik il-Qorti setghet tikkonsidra ghaliex, kif già inghad, il-provi prodotti ghar-rigward ta' l-imsemmija inkjesta magisterjali kienu proceduralment ammissibbli u, konsegwentement, l-ewwel Qorti mhux biss setghet, izda kienet fid-dmir illi tikkonsidra;

Fil-kuntest ta’ l-imsemmija inkjesta magisterjali tajjeb illi ssir riferenza ukoll ghas-segwenti silta mill-paragrafu enumerat disgha (9) tar-rikors ta’ appell:
“… lanqas ma hu minnu li l-inkjesta ikkonkludiet li l-firma ta’ Concetta Sammut fuq it-testment ma kinitx genwina. Li ntqal mill-espert tekniku [huwa] li l-firem li hu ezamina ma jaqblux ma xulxin, izda ma qalx liema huma l-foloz”.

Dwar dak illi jinghad f’din is-silta, huwa sufficjenti illi jigi rilevat illi mill-provi prodotti - senjatament mir-relazzjoni ta’ l-espert kalligrafu - jirrizulta a sodisfazzjon ta’ dina l-Qorti illi l-firma “C. Sammut” fuq it-testment tat-3 ta’ Ottubru, 1995, illi kopja tieghu hija esebita u markata “MA4” a fol. 41 tal-process, hija genwina u illi l-firma “C. Sammut” fuq it-testment sigriet in kwistjoni, illi kopja tieghu hija esebita a fol. 46 tal-process, ma saritx mill-istess persuna illi ffirmat “C. Sammut” fuq l-original tad-dokument “MA4”;

Ikkunsidrat:

Illi, fl-ahharnett, huwa xieraq illi jigi konsidrat il-kontenut tal-paragrafu enumerat tmienja (8) tar-rikors ta’ appell.  In succint, dak illi qed jigi sottomess f’dan il-paragrafu huwa illi l-konsiderazzjoni illi ghamlet l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, illi l-appellant ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ deskrizzjoni ta’ l-oggetti ezistenti fid-dar ta’ residenza ta’ Concetta Sammut fuq il-pretest illi huwa kien ippresta servigi lill-istess Concetta Sammut, meta huwa quddiemha xehed illi qatt ma ppresta dawn is-servigi, ma kienetx sufficjenti sabiex il-Qorti tikkonkludi illi l-appellant kien jaf bl-esistenza tat-testment sigriet in kwistjoni. Qabel ma tikkonsidra din is-sottomissjoni ta’ l-appellant, din il-Qorti trid taghmilha cara hafna illi - bhall-ewwel Qorti - hija ma taghti ebda kredibbilità lill-appellant ghaliex kif tista’ qatt persuna titwemmen meta hija tikkonferma xi fatt bil-gurament taghha - bhalma ghamel il-konvenut appellant meta, sabiex jottjeni l-hrug ta’ l-imsemmi mandat, huwa kkonferma bil-gurament (fol. 49) illi huwa kien ippresta servigi lil Concetta Sammut - meta tkun taf illi dak il-fatt ma sehhx - kif qatt ma sehhew servigi a favur ta’ Concetta Sammut da parti tal-konvenut appellant?  L-appellant ma tantx wera rispett lejn il-gurament;

Kwantu ghas-sottomissjoni in ezami, dina l-Qorti tiskartaha filwaqt illi taghmel taghha l-kontenut tas-segwenti silta mis-sentenza appellata (pagini 5 u 6):
"Bil-mandat ta' deskrizzjoni setghu jkunu maghrufa l-beni tal-wirt, u dan kien ikun fl-interess tal-konvenut bhala werriet. Il-hrug tal-mandat, izda, ma talbux fil-kwalità ta' werriet; ir-raguni kienet jew ghax, kif ighid hu, ma kienx jaf li hu werriet, jew inkella ghax ma riedx jinkixef li kien jaf bit-testment sigriet. Sabiex kiseb il-hrug tal-mandat il-konvenut, kif rajna, halef illi kien 'ippresta servigi lill-intimata'; meta izda fid-9 ta' Novembru 2001 il-Qorti staqsietu jekk qatt kienx ghamel xi zmien idur b'Concetta Sammut, il-konvenut wiegeb li le. Il-konvenut nesa' x'kien halef biex kiseb il-hrug tal-mandat, u b'hekk iz-zejt tela' f'wicc l-ilma; meta cahad li kien idur b'Concetta Sammut, il-konvenut kixef il-fatt illi l-kawzali tas-servigi kienet biss pretesta biex jikseb il-hrug tal-mandat u hekk jikseb il-harsien tal-beni tal-wirt bla ma jikxef li kien jaf bit-testment sigriet" (sottolinear ta' dina l-Qorti );

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant. U peress li dana l-appell huwa fir-realta` wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 223 tal-Kodici Civili, tikkundanna lill-konvenut appellant ihallas l-ispejjez ghal darbtejn. Tordna ghal kull buon fini li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------